**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 303 / 12RGM

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur datat 21 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin [22] ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin [1999] minn dan iz-zwieg twieldu Denzil Lee u Taneisha it-tnejn minorenni;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Elena Farrugia ta' l-10 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn [2002];

3. Illi b'sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja datata 24 ta' Gunju 2010 per Imhallef Noel Cuschieri fl-ismijiet A B vs C D il-minuri Denzil Lee B gie dikjarat li mhux il-wild naturali tar-rikorrent A B u konsegwenternent ordnat il-korrezzjonijiet relattivi fuq ic-certifikat tal-minuri;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjcni ta' gudizzju fuq il-haija matrimonjali jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-kunsens tar-rikorrrent inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga kif kontemplat fl-artikolu 19 [1] [c] tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi ghalhekk iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-riseptt lil din l-Onorabbli Qorti joghghobha:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-1igi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-22 ta' Novembru 1999 ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tordna li dina in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.[1]

Rat id-dokumenti pprezentati mill-attur.[2]

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha ddikjara illi ma hemmx proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.[3]

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta[4] li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament jigi rilevat illi t-talba odjerna hija tentattiv iehor tar-rikorrent sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjara li jaf li m'ghandux dritt ghaliha. Infatti, minkejja li r-rikorrent kien ben konsapevoli li hu ma jissodisfax ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi, xorta ghazel li jittanta xortih billi precedentement ghal din it-taiba ntavola rikors sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, liema talba giet irtirata minnu wara l-oggezzjoni da parti tal-esponenti.

1 Fol 3
2 Fol 4 et seq
3 Fol 16
4 Fol 26

2. Illi l-intimata topponi t-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Novembru 1999, u dan peress illi ma jezistux l-estremi, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li jwasslu ghal din id-dikjarazzjoni ta' nullita'.

3. Illi l-intimata tichad li hemm xi caput nullitatis li jista' jigi attribwit lil xi parti, partikolarment hi tichad b'mod assolut u kategoriku li xi hadd mill-partijiet kien ibati minn xi anomalija psikologika serja, jew li xi hadd minnhom ma kellux setgha intelletwali, jew li hi ma kinitx ta' rieda tajba bizzejjed kif allegat fir-rikors guramentat sabiex jigi kuntrattat iz-zwieg.

4. Illi l-intimata tichad ukoll kategorikament li l-kunsens ta' xi parti f'din il-kawza inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

5. Illi l-intimata tichad ukoll illi hi pprattikat xi qerq dwar xi kwalita' taghha liema qerq seta' induca lir-rikorrent li jkollu l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg ivvizzjat.

6. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jekk din l-Onorabbli Qorti tara li fil-fatt hemm ragunijiet li jaghtu lok li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi annullat, dan ghandu jkun ghal ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrent.

7. Illi ghalhekk peress li dan iz-zwieg m'ghandux jigi annullat, u f'kull kaz ma hemm l-ebda caput nullitatis li jista' jigi attribwit lill-intimata ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg, l-intimata m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.[5]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dott. Vincent Galea pprezentat u mahluf fis-27 ta' Ottubru 2015.[6]

Rat ir-risposta tal-Perit Legali in eskussjoni flimkien ma' kopja ta' zewg sentenzi minnu citatai.[7]

---

5 Fol 27
6 Fol 75
7 Fol 113

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ikkunsidrat:

**Provi**

Il-partijiet izzewgu fit-22 ta' Novembru 1999 waqt li kienu btala gewwa Las Vegas, meta l-attur kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kellha tlieta u ghoxrin sena. F'Dicembru tas-sena 1998, il-konvenuta weldet l-ewwel wild taghha, Denzil Lee, li pero` permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 24 ta' Gunju 2010 gie dikjarat li ma huwiex iben naturali tal-attur. Fi Frar tas-sena 2000 il-partijiet kellhom tifla Tenisha, izda mbaghad isseparaw b'mod bonarju permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Ottubru 2002. L-attur qieghed jitlob issa l-annullament taz-zwieg ta' bejniethom abbazi tal-Artikolu 255 (1) (c)(d) u (f).

*Verzjoni tal-Attur*

Fl-affidavit[8] tieghu l-**attur** jghid inter alia, illi qabel ma zzewweg kien sema` b'xi ghidut fuq il-paternita` tat-tifel. Jghid li kien hemm persuna li qallu li t-tifel ma kienx tieghu izda huwa ma tax piz lil dan il-kliem u ma qal xejn lill-konvenuta.

Jghid li huma zzewgu minghajr pjanijiet ta' xejn waqt li kienu fuq btala Las Vegas. Ma hasbuhiex darbtejn u zzewgu f'kappella. L-unika haga li kienu ghamlu hu li xtraw il-licenzja ghaz-zwieg, u ma kienu nfurmaw lil hadd mill-familjari taghhom li kienu zzewgu.

Jghid li wara z-zwieg kienu baqghu flimkien madwar sentejn fost hafna glied u argumenti. Jghid li liz-zewgt itfal dejjem qieshom bhala uliedu. Xi snin wara s-separazzjoni konsenswali, dahallu suspett li Denzil ma kienx ibnu naturali u fetah proceduri ta' denegata paternita`, fejn gie dikjarat illi fil-fatt ma kienx ibnu. Jghid li waqt is-smiegh ta' din il-kawza kien hemm hjiel illi missier Denzil kien l-eks boyfriend tal-konvenuta, izda ghadu sallum ma jafx min hu.

Jghid li kien hemm cirkostanzi meta kien waqa` lura fil-manteniment u kien hemm darba fejn skonta perijodu ta' karcerazzjoni. Kien biss f'dan iz-zmien li l-familja tieghu saret taf li kien izzewweg xi ghaxar snin qabel.

Jghid ukoll illi huwa kien intavola proceduri biex jottjeni d-divorzju minn mal-konvenuta izda mbaghad kien cedihom ghaliex gie mitlub somma ezorbitanti ta' manteniment li hu deherlu, wara li ghamel il-konteggi, illi ma kinitx dovuta.

---

8 Fol 30

In kontro-ezami waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-21 ta' Frar 2014, l-attur jghid inter alia illi l-konvenuta kienet qaltlu li kienet tqila xi tliet xhur wara li bdew johorgu flimkien. Jghid li meta waslu l-lukanda gewwa Las Vegas, kienu hadu ritratt u minn hemm iddecidew li jizzewgu. Jghid ukoll li meta marru l-Amerka kienu qghadu ghand familjari tal-konvenuta u aktarx li kienu nfurmawhom li ser jizzewgu meta kienu Las Vegas.

**Dennis Mizzi**, missier tar-rispett tal-attur, fl-affidavit tieghu[9] jixhed inter alia, illi huwa sar jaf li l-attur kien izzewweg meta dan kien il-habs u hu mar jiccekkja fuq xi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mis-sena 2009, u skopra li l-attur u l-konvenuta kienu zzewgu. Jghid li ghalih u ghal martu dan kien xokk kbir.

Jghid li martu hadet l-ahbar hazin hafna ghaliex il-konvenuta ma tantx kellha reputazzjoni tajba gewwa l-Isla. Il-mara tieghu tghid li kienet tkun f'kumpanija ta' rgiel ohra u kienet tiffrekwenta hwienet tax-xorb gewwa l-Isla.

Jghid li fl-2007 rcieva telefonata minn persuna li xtaqet tibqa` anonima li qaltlu li go hanut fix-xatt tal-Isla kien sema diskors li t-tifel ma' kienx tal-attur, u li kien tal-eks boyfriend tal-konvenuta, certu Jason li jahdem l-airport.

Jghid li hu u martu dejjem fehmu, ghaliex hekk kienu qalulhom il-partijiet, illi huma kienu qed jghixu flimkien biss u qatt ma semmew zwieg. Jghid ukoll illi kemm damu flimkien il-partijiet, qatt ma kienu jmorru jieklu jew izuruhom bit-tfal jew jaghmlu attivitajiet tal-familja kif normalment jaghmlu fil-familja taghhom. Huwa ghalhekk illi x-xokk kien kbir hafna fil-familja taghhom.

Omm l-attur **Pauline Mizzi** permezz tal-affidavit taghha kkonfermat dak kollu li qal zewgha Dennis Mizzi.

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Il-**konvenuta** tixhed bil-mezz tal-affidavit li gie pprezentat quddiem il-Perit Legali waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2014. Fost affarijiet ohra, hija tichad dak li qal l-attur li hu ma kienx jaf li Denzil m'huwiex ibnu naturali u tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti li giet annessa mar-rikors guramentat u li tinsab markata bhala Dok A.

Tghid inter alia li madwar sittax-il sena ilu kienet tohrog ma' certu Jason minn Birkirkara, u f'din ir-relazzjoni damet ghal madwar sentejn. Kienet harget tqila u korriet izda sussegwentement f'April tas-sena 1998 regghet inqabdet tqila minghand Jason ghat-tieni darba. Ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat u meta kellha

---

9 Fol 33

cirka tliet xhur tqala kienet tmur tippassigga x-xatt tal-Isla fejn spiss kienet tara lill-attur.

Tghid li kien juri interess fiha u jistaqsiha kif sejra t-tqala u kien ta' sikwit jippassigga maghha. Aktar ma jghaddi z-zmien beda joghgobha u mieghu kienet thossha sigura u protetta. Hija kienet urietu mill-ewwel illi minkejja li joghgobha, ma kienx ser ikollhom x'jaqsmu flimkien qabel it-twelid tat-tarbija ghaliex ma riditx tipperikolaha.

L-attur kien fehmha u kien lest jistenna. Hija kienet ukoll hassitha komda tiehdu maghha ghand it-tabib sabiex ticcekkja t-tqala fl-ahhar xahrejn.

Tghid li omm l-attur kienet kellmet lill-Headmistress tal-Mother & Child fejn kienet tmur biex tipprova tehodilha xi informazzjoni dwarha, izda l-Headmistress, minhabba l-posizzjoni taghha kienet qaltilha li din l-informazzjoni ma setghetx ittihielha u li kienet ser tkellem lill-attur hi. L-attur kien qalilha li ser iqabbad qassis habib tal-familja biex jghinu jghid il-verita` lil ommu ghax kien qed jibza’ jaffaccjaha wahdu.

Tghid li t-tarbija twieldet fit-13 ta' Dicembru tas-sena 1998, u l-attur mar maghha l-Isptar. Huwa kien jghidilha li x-xewqa tieghu kienet li jibnu familja flimkien u li xtaq it-tfal minghandha. Kienet ghamlet xi zmien tghix ghand ommha wara t-tqala pero’ lejn l-ahhar tas-sena 1998 kienu marru jghixu flimkien ir-Rahal Gdid.

Tghid illi meta beda joqrob iz-zmien li fih kellha twelled, l-attur kien beda jistaqsiha x'kien bi hsiebha taghmel u kien jghidilha li ma xtaqx li t-tarbija tigi registrata fuq Jason. Anzi, huwa kien insista li tigi registrata fuq ismu ghax kellu l-biza’ li 'l quddiem Jason kien ser jaqla’ l-inkwiet bejniethom.

Tghid li hi kienet offrietlu sabiex jadotta lil binha izda huwa baqa' jinsisti li kien ikun ahjar li jaghmlu fuq kunjomu. Tghid li kien ikkonvinciha illi t-tifel jigi registrat fuq ismu pero` r-registrazzjoni saret xhur wara li twieled Denzil ghaliex xtaqet li jkun hemm aktar hsieb fuq din l-affari.

Tghid li spiss kienu jiddiskutu z-zwieg u kienu wkoll qed jippjanaw biex ikollhom tarbija flimkien. F'Gunju tas-sena 1999 skoprew li ser ikollha t-tieni tarbija. Lejn l-ahhar ta' Awwissu 1999 ommha u huha ddecidew li jsiefru lejn San Francisco ghal perjodu ta' xahar sabiex izuru lil missierha u l-attur kien talabha biex imorru maghhom. Minn hemm kienu ddecidew li waqt din il-btala jmorru Las Vegas ghal hmistax-il gumata sabiex jizzewgu u jqattghu l-*honeymoon* hemmhekk.

Tghid li l-fatt li Las Vegas damu biss hmistax-il gurnata jikkonferma l-fatt kemm marru hemm bl-iskop li jizzewgu. Oltre dan, meta l-attur kien irrizerva l-lukanda gewwa Las Vegas kien infurmahom li kienu ser jizzewgu u meta waslu sabu x-

xampanja ppreparata. Tghid li kemm hi kif ukoll l-attur kienu jafu x'kien issarraf il-pass li kienu ser jaghmlu u t-tnejn kienu lesti ghalih.

Huma zzewgu fit-22 ta' Novembru tas-sena 1999.

Tghid li hi fdatu u kienet tahseb li ser iqattghu hajjithom flimkien. Kien dejjem jghid li ha jkun hemm ghaliha ghal dejjem, izda mhux talli mar lura fuq kellmtu fir-rigward ta' Denzil, izda wkoll abbanduna kompletament lil bintu Tenishia. Sussegwentement hi ddecidiet li tibda t-triq tas-separazzjoni. Tghid li l-attur baqa' sas-sena 2006 jitlobha sabiex jergghu jaghtu cans iehor pero' da parti taghha ma xtaqitx.

Issostni li l-attur kien konxju tal-fatt li ma kienx il-missier naturali meta rrikonoxxa lil Denzil u kif jirrizulta mis-sentenza li giet annessa mar-rikors guramentat, il-Qorti tal-Familja qieset il-verzjoni ta' l-attur bhala inveritiera u tat aktar affidament lill-verzjoni taghha.

Tghid li l-attur ra lil bintu Tenishia madwar tmintax-il darba mis-sena 2002 u l-ahhar darba kellha tmur ghaliha ghax bdiet tibki u baghtitilha messagg, *'come for me I beg you'*. Hija mbaghad qaltilha li l-papa' beda jghidilha li ommha qarrqet bih u beda jghajjar lill-konvenuta u ma felhitux aktar. Tghid li l-attur irid ipingi stampa li hi ghamlet it-tifel fuq ismu biex tehodlu l-flus izda hi dak iz-zmien kellha zewg postijiet taghha fejn tghix.

Tghid li hi opponiet ghat-talba mressqa da parti tal-attur peress li hu ghandu jhallas 'l fuq minn tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000), bhala arretrati ta' manteniment u spejjez ta' edukazzjoni u sahha. Huwa ghazel li jirrifjuta milli jhallas il-manteniment dovut minnu u jirtira t-talba ghad-divorzju u minflok issa qieghed jittanta jikseb dak li jrid permezz ta' dawn il-proceduri.

Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-30 ta' Mejju, 2014, il-konvenuta in kontro-ezami tghid, inter alia, illi ghar-rigward tal-ikla msemmija minn missierha li fiha ssemmiet it-tqala taghha, kienu gewwa d-dar tal-genituri taghha gewwa H'Attard u kienu prezenti wkoll hutha. Tghid li l-familja kollha kienet taf bis-sitwazzjoni. Mistoqsija ghalfejn ma gewx jixhdu hutha f din il-kawza, tghid li Shawn xehed fil-kawza l-ohra u z-zewg hutha l-ohra jippanikkjaw u hasset li kellha tillimita lil min ittella` xhud f'din il-kawza.

Mistoqsija x'kienet ir-raguni l-ghala ommha ma ghamlitx affidavit fl-ewwel kawza u ghamlet affidavit f'din il-kawza tghid li ommha telghet tixhed fl-ewwel kawza safejn taf hi.

**Arthur D**, missier il-konvenuta xehed bil-procedura ta' l-affidavit, li gie pprezentat quddiem il-Perit Legali permezz ta' nota fl-14 ta' April, 2014. Hu jghid,

in succint, illi t-tifla tieghu kienet ghamlet xi zmien tohrog ma' certu Jason minn Birkirkara. Flimkien kien ha jkollhom tarbija izda mbaghad korriet. Xi ftit zmien wara regghet harget tqila minn ma' dan l-istess Jason, izda din id-darba gara li ma baqghux flimkien. Dak iz-zmien bintu kellha madwar tlett xhur tqala ghaliex kienet diga` bdiet tidher u f'dak iz-zmien gharrfitu wkoll li kienet bdiet tiltaqa ma' certu A B.

Hu kien staqsiha x'kien jahseb dwar il-gravidanza taghha dan A u hi qaltlu li huwa kien jghid li jhobbha u li hi ma sfurzatux joqghod maghha izda minn jeddu kien iddecieda li johrog maghha u li kien accetta t-tqala taghha. Jghid li hu kien kellmu lil A wkoll rigward il-fatt li C kienet tqila bit-tarbija tal-eks *boyfriend* taghha. L-attur kien qallu li hu jhobbha u li kien accetta s-sitwazzjoni, tant li qallu wkoll li kien bi hsiebhom jaghmlu familja flimkien.

Eventwalment wasal iz-zmien biex tirregistra lit-tifel Denzil. Kien zmien il-Milied meta waqt wahda mill-ikliet tal-Milied waqa' d-diskors fuq x'kien ha jsir rigward ir-registrazzjoni tat-tifel. Martu waqt din l-ikla staqsiet lill-konvenuta dwar ir-registrazzjoni tal-minuri, jigifieri jekk kinitx ser tirregistrah fuq isem missieru madanakollu A ma qabilx ma' dan peress li dak iz-zmien kien diga' qed jahseb li jkollu t-tfal ma' C u jkabbar il-familja. Ma xtaqx li l-ulied ikollhom kunjom differenti minn xulxin.

Jghid li omm il-konvenuta kienet qaltilhom li huma t-tnejn kienu adulti u li d-decizjoni kienet f'idejhom fl-ahhar mill-ahhar. It-tifel twieled u ddecidew li jsemmuh Denzil u gie registrat bhala iben A B.

Jghid li A u C minn dejjem kienu jsemmu li riedu jibnu familja flimkien u infatti hu kien semaghhom jitkellmu fuq zwieg mhux darba jew darbtejn. Aktar 'il quddiem bintu infurmatu li hi u A kienu ddecidew li jizzewgu u qaltlu wkoll li huma xtaqu jaghmlu dan gewwa Las Vegas.

Jghid li hu ferhilhom u li kemm bintu kif ukoll A dehru li kienu jafu x'kien isarraf il-pass li kienu ser jaghmlu u t-tnejn dehru lesti ghalih. Jghid li wara li nizlu mill-Amerika kollox kien jidher sew sakemm bintu darba minnhom qaltlu li kienet ser ittemm ir-relazzjoni taghha minn ma' A. Sussegwentement hi kienet bdiet il-proceduri ta' separazzjoni u f'daqqa wahda A beda jghid li hu ma kienx jaf li hu mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Denzil.

Jghid li jaf ukoll li A B baqa' sas-sena 2006 jitlob lil bintu sabiex jergghu jirrangaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, u recentement bintu nfurmatu illi l-attur kien intavola proceduri fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara d-divorzju ta' bejn il-partijiet pero' dawn il-proceduri kienu gew irtirati minnu.

**L-Azzjoni**

L-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg tieghu minn mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex, skont l-attur, (1) il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d); (2) il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nghata wkoll b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f); u (3) il-kunsens tal-attur inkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita tal-intimata illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c).

Il-konvenuta fil-premessi taghha qieghda toggezzjoni ghal din it-talba stante li tissottometti li dan huwa tentattiv iehor tar-rikorrent sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjara li jaf li m'ghandux dritt ghaliha, kif ukoll li ma jezistux l-estremi, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li jwasslu ghal din id-dikjarazzjoni ta' nullita'. Hija tichad li hemm xi *caput nullitatis* li jista' jigi attribwit lil xi parti, partikolarment tichad b'mod assolut u kategoriku li xi hadd mill-partijiet kien ibati minn xi anomalija psikologika serja, jew li xi hadd minnhom ma kellux setgha intelletwali, jew li hi ma kinitx ta' rieda tajba bizzejjed kif allegat fir-rikors guramentat sabiex jigi kuntrattat iz-zwieg. Tichad ukoll kategorikament li l-kunsens ta' xi parti f'din il-kawza inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, u tichad ukoll illi hi pprattikat xi qerq dwar xi kwalita' taghha liema qerq seta' induca lir-rikorrent li jkollu l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg ivvizzjat. Izzid ukoll illi jekk din l-Onorabbli Qorti tara li fil-fatt hemm ragunijiet li jaghtu lok li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet jigi annullat, dan ghandu jkun ghal ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-gurisprudenza nostrana kostantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgux, tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna (6/11/1991)** u kkwotata wkoll mill-abbli perit legali:

*"F'materja ta' żwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (27/01/2006), jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** (28/07/1987) u wkoll ikkwotata mill-abbli Perit Legali:

*"...ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Ikkunsidrat.

Ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attur fir-rikors promotur juri illi huwa qed isejjes il-kawza minnu ntavolta fuq tliet *caput nullitatis*.

It-test tal-ligi rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attur huwa s-segwenti:-

***Artikolu 19 (1) tal-Kap 255:***

*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

- *omissis* –

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

Ikkunsidrat

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-abbli Perit Legali Dott. Vincent Galea. Il-konkluzjoni peritali tieghu hi fis-sens illi l-pretensjonijiet tal-attur imsejsa fuq is-subincizi (c), (d) u (f) ma gewx sodisfacentement ippruvati.

***Is-Subinciz (c) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255***

L-attur jikkontendi illi l-konvenuta hbiet minnu l-fatt li l-ewwel tifel taghha, Denzil Lee ma huwiex tieghu. Bhall-Perit Legali, l-Qorti hija tal-fehma illi din il-kawzali ma gietx ippruvata mill-attur. Ghall-kuntrarju, mix-xhieda tal-konvenuta u tal-familjari taghha jirrizulta illi mhux biss l-attur kien jaf, izda ried jghinha u insista illi dan il-wild ikun irregistrat f'ismu sabiex jibnu familja flimkien. Maghdud ma' dan hemm dak dikjarat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **A B vs C D et** deciza fl-24 ta' Gunju 2010, fejn filwaqt illi rrizulta minnu illi Denzil Lee ma huwiex il-wild naturali tal-attur, il-Qorti osservat:

*'Il-Qorti hi tal-fehema li l-attur ma kienx veritier meta sostna li, meta rrikonoxxa lit-tifel, hu ma kienx jaf li dan ma kienx wild tieghu.*

*Din il-konkluzjoni ssib konfort ukoll fis-segwenti: [1] il-fatt li l-konvenuta kienet dahlet f'relazzjoni mieghu ftit taz-zmien wara li kienet ghada kif tterminat ir-relazzjoni taghha minn ma' l-gharus precedent; akkompanjat mill-fatt mistqarr mill-istess attur li hu sar jaf li l-konvenuta kienet tqila "gimgha, hmistax" wara li kien beda johrog maghha [fol.102]; u [2] il-fatt ukoll allegat minnu, li hu ma kienx ta kaz ta' l-ghajdut li waslulu fis-sens li t-tqala ma kienitx minn tieghu. Il-Qorti tosserva li huwa ferm inverosimili li, fic-cirkostanzi, lill-attur ma jigihx dubju dwar il-paternita' tat-tifel li kellu jitwieled; u ukoll li ma kienx ta kaz, u lanqas kien informa lill-konvenuta, allura gharusa tieghu, b'dawn l-ghajdut.*

*Il-Qorti hija tal-fehema li dawn il-konsiderazzjonijiet, jimmilitaw kontra t-tezi ta' l-attur; w jdghajfuha b'mod serju, partikolarment fid-dawl tax-xhieda prodotti*

*mill-konvenuta; u ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li meta l-attur iddecieda li jirrikonoxxi lill-imsemmi tifel bhala ibnu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, huwa ghamel hekk bil-konsapevolezza shiha li t-tifel ma kienx wild tieghu.'* [10]

B’zieda mal-gurisprudenza ccitata mill-Perit Legali fir-rigward ta’ din il-kawzali din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Mary Farrugia vs Joseph Farrugia** (P.A. 13/03/1995), fejn inghad illi:

*'Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.'*

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma sabet xejn fil-provi li gew imressqa li jista` jindika xi qerq da parti tal-konvenuta. Ghaldaqstant qed tiddikjara illi l-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (c) ma gietx ippruvata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi respinta.

***Is-Subinciz (d) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255***

Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi kif spiss dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa sew fuq is-subinciz (1) (d) u fl-istess imsejsa fuq is-subinciz (1) (f), tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana, tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita’ tal-att, pero’ min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien jeskludu lil xulxin. Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-abbli Perit Legali fir-rapport tieghu, b'mod partikolari s-sentenza **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (App. S. 27/01/2006), fejn il-Qorti spjegat:

*'L-inkompatibilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.'*

Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ser titratta, z-zewg kawzali separatament, fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz de quo.

10 Fol 9-10

Dwar il-kawzali taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255, b'zieda mal-gurisprudenza kkwotata mill-Perit Legali in rigward, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A B vs C B** (Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja 30/06/2015), fejn inghad:

*'Fir-rigward tas-sub inciz (d) jinghad is-segwenti:*

*Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.*

*Sabiex kunsens ghaz-zwieg ikun validu jehtieg li jkun jikkostitwixxi "diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga". Id-diskrezzjoni ta' gudizzju hija definita bhala dik il-fakulta' fil-bniedem li jaghmel sew apprezzament sew evalwazzjoni tal-konsegwenzi tad-decizzjonijiet tieghu. Fi kliem iehor "diskrezzjoni ta' gudizzju" ghall-finijiet tal-kunsens ghaz-zwieg tfisser li l-persuna tkun kapaci tevalwa x'inhuma l-obbligi u d-doveri li jimporta mieghu il-kunsens matrimonjali. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma almenu wiehed irid ikun kapaci japprezza u jifhem dak li hu baziku fiz-zwieg u cioe' id-drittijiet u d-doveri li zwieg igib mieghu.*

*Difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jissussisti meta persuna kellha nuqqas ta' poteri diskrezzjonali minhabba li fatturi psikologici jirrendu l-persuna inkapaci biex tqis in-natura taz-zwieg jew tad-drittijiet u l-obbligi essenzjali marbutin maz-zwieg u konsegwentement inkapaci li taghzel liberament.*

*Mhux bizzejjed li l-persuna tkun matura intelletwalment imma irid ikun hemm maturita' tar-rieda jigifieri abilita' li tiehu decizjonijiet responsabbli; irid ikollha fakultajiet kritici u liberta interna biex taghzel biex tkun tista' tikkuntratta zwieg validu. L-element tal-liberta' huwa essenzjali sabiex ikun hemm kunsens validu mhux afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.'*

Dan ifisser illi persuna trid tkun kapaci tevalwa xi jfisser iz-zwieg u x'inhuma l-elementi fundamentali tieghu, u konsegwentement, tiddeciedi li tidhol ghalih b'konsapevolezza u liberta` ta' decizjoni.

L-attur jikkontendi li l-partijiet jew min minnhom kellu l-kunsens tieghu ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu. Fix-xhieda tieghu, huwa jpingi stampa ta' tnejn min-nies illi minghajr pjan u minghajr hsieb, kienu ghaddejjin minn quddiem kappella gewwa Las Vegas, harsu lejn xulxin u dak il-hin stess iddeciedew li jizzewgu. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-attur jissottometti

illi huma zzewgu sabiex 'isolvu' l-kwistjoni tat-tqala u biex jaghtu familja lit-tarbija li kienet gejja fid-dinja.

Din il-verzjoni tigi pero` kontradetta mis-sekwenza tal-fatti, in kwantu l-partijiet izzewgu f'Novembru tas-sena 1999, mentri l-ewwel tifel Denzil twieled f'Dicembru tas-sena 1998. Mhux hekk biss, talli kif tixhed il-konvenuta, hija kienet ga tqila bit-tieni wild taghha meta marru ghall-btala gewwa l-Amerka, tant hu hekk li t-tieni tarbija twieldet fi Frar tas-sena 2000, xahrejn biss wara li zzewgu. Il-kwistjoni tat-tqala tirrizulta ghalhekk bhala tentattiv fallut da parti tal-attur sabiex ipingi xena li ma tezistiex.

Inoltre, dwar il-fatt li l-attur kellu dsatax-il sena mentri l-konvenuta kellha tlieta u ghoxrin sena meta zzewgu, ma hareg xejn mill-provi li jista` jindika illi l-partijiet ma kienux jafu x'kienu d-drittijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg. Huwa minnu li skont kif jixhdu ommu u missieru tar-rispett, huwa zamm mistur minnhom il-fatt li kien izzewweg lill-konvenuta, izda dan ma jindikax nuqqas ta' diskrezzjoni, anke ghaliex dawn saru jafu biz-zwieg ghaxar snin wara u minhabba l-fatt li binhom spicca inkarcerat, u mhux ghaliex qalilhom hu meta hassu lest li jghidilhom.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenuta u ta' missierha, illi z-zwieg kien ilu jigi diskuss bejn il-partijiet, u l-mawra gewwa Las Vegas kienet intiza propju ghal dan il-ghan. Din il-Qorti temmen din il-verzjoni, ossia illi z-zwieg kien ippjanat u volut miz-zewg partijiet, u ma tirrizulta ebda raguni li tista` tindika li xi hadd minnhom kien nieqes minn poteri diskrezzjonali sufficcjenti sabiex jaghraf l-obbligi u r-responsabbiltajiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Ghalhekk il-kawzali taht l-Artikolu 19 (1) (d) ma tirrizultax sostnuta mill-provi akwiziti u qed tigi respinta.

***Is-Subinciz (f) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255***

Dan is-subinciz jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta’ dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta’ simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta taz-zwieg mentri fl-istess hin ikun qed jeskludi *a priori* z-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu.

Tezisti gurisprudenza nostrana kopjuza fir-rigward kif jirrizulta fir-rapport peritali, fosthom **Magri vs Magri** (PA 28/05/2002) **Al Chahid vs Mary Spiteri** (PA 5/06/2002) u **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (App S. 27/01/2006).

Fil-kaz *de quo,* din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta jghid li mill-provi prodotti ma rrizultax li xi hadd mill-partijiet esluda z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu. Filwaqt li huwa minnu li l-inkwiet beda biss ftit zmien wara li zzewwgu, dan ma jfissirx illi l-kunsens ta' xi hadd minnhom kien ivvizzjat minn eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta' xi wiehed mill-elementi tieghu. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri** (PA 5 ta' Gunju 2002) fejn il-Qorti esprimiet ruhha bi principji applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*'wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg.'*

Din il-Qorti ma tirriskontra xejn fil-provi mressqa li jista` jipprova li fil-mument tal-kunsens, il-partijiet jew min minnhom eskludew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu. Din il-kawzali wkoll qeghdha ghalhekk tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**